Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 245

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

25 ta' Settembru 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1580 tat-18 ta' Lulju 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja** 1

Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ 3

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1581 tas-16 ta' Settembru 2019 dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fid-dawl tat-tlettax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet** 7

Rettifika

★ **Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti** (ĠU L 348, 29.12.2017) 9

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1580

tat-18 ta' Lulju 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tniedi negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-8 ta' Marzu 2019.

(2) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, kif ukoll tad-Dikjarazzjoni Konġunta li tifforma parti integrali minnu, huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim, flimkien mal-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż. Skont il-liġi tal-Unjoni, il-Ftehim qiegħed jitfassal ukoll mill-Unjoni bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali jenħtieġ li jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet. Il-verżjonijiet awtentikati kollha għandu jkollhom valur ugwali.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 4

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provvisorja mid-data tal-iffirmar tiegħu [1], sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TUPPURAINEN

[1] Id-data li minnha l-Ftehim għandu japplika b'mod provvisorju ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

TRADUZZJONI

FTEHIM

fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ

L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA (minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Uniti"), L-UNJONI EWROPEA, L-IŻLANDA, u r-RENJU TAN-NORVEĠJA (minn hawn 'il quddiem, "in-Norveġja"),

JIRRIKONOXXU l-benefiċċju tal-promozzjoni tal-flessibbiltà u tal-opportunitajiet ġusti u ndaqs fir-rigward tal-arranġamenti operattivi konklużi mil-linji tal-ajru skont l-Artikolu 10(9) tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li ġie ffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007, kif emendat mill-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li ġie ffirmat fl-24 ta' Ġunju 2010 (minn hawn 'il quddiem, "l-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE") u li ġie applikat skont il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Iżlanda, u r-Renju tan-Norveġja, li ġie ffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011 (minn hawn 'il quddiem, l-"ATA bejn Erba' Partijiet");

JIRRIKONOXXU r-relazzjoni komprensiva tal-avjazzjoni bejn il-partijiet, stabbilita mill-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE u mill-ATA bejn Erba' Partijiet, u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet li ġiet żviluppata fil-kuntest ta' dawn il-Ftehimiet;

JAFFERMAW mill-ġdid l-objettiv komuni tal-Partijiet li jiżguraw l-ogħla grad ta' sikurezza u sigurtà fit-trasport internazzjonali bl-ajru, kif rifless fl-oqfsa regolatorji simili tagħhom;

JIRRIKONOXXU l-eżistenza ta' kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi komparabbli bejn il-Partijiet fir-rigward tat-trasport internazzjonali bl-ajru; u

JIMPENJAW ruħhom li jippromwovu l-flessibbiltà fl-arranġamenti operattivi bejn il-linji tal-ajru biex jikru l-inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ kif previst mill-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet, billi jneħħu b'mod reċiproku l-limiti ta' żmien fuq tali arranġamenti, mingħajr ma jaffettwaw b'mod ieħor l-applikazzjoni ta' dawk il-Ftehimiet;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

1. "Linji tal-ajru Ewropej" tfisser linji tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, tal-Iżlanda u tan-Norveġja, li huma awtorizzati biex jipprovdu trasport internazzjonali bl-ajru skont l-Artikolu 4 tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet.

2. "Parti" tfisser l-Istati Uniti, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, jew in-Norveġja.

3. "Linji tal-ajru tal-Istati Uniti" tfisser linji tal-ajru tal-Istati Uniti awtorizzati biex jipprovdu trasport internazzjonali bl-ajru skont l-Artikolu 4 tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet.

4. "Kiri bl-ekwipaġġ" tfisser kwalunkwe arranġament bejn żewġ linji tal-ajru għall-forniment ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ għat-trasport internazzjonali bl-ajru.

Artikolu 2

Limitazzjonijiet ta' Żmien

1. L-ebda Parti ma għandha timponi, inkluż permezz ta' statut jew regolament, limitazzjonijiet ta' żmien fuq l-operat ta' xi kiri bl-ekwipaġġ skont l-Artikolu 10(9) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, inkluż kif applikat mill-ATA bejn Erba' Partijiet, dment li tali kiri bl-ekwipaġġ jikkonforma mat-termini u l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 10(9) imsemmi.

2. Xejn fil-paragrafu 1 ma għandu jinftiehem bħala li jillimita d-dritt ta' Parti li tapplika b'mod ieħor l-istatuti u r-regolamenti tagħha fir-rigward tal-arranġamenti tal-kiri bl-ekwipaġġ li jinvolvu l-linji tal-ajru tagħha u dawk tal-pajjiżi li mhumiex parti għal dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Konsultazzjonijiet

Kwalunkwe Parti tista', fi kwalunkwe mument, titlob konsultazzjonijiet ma' kwalunkwe Parti jew Partijiet oħra fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Ftehim. Tali konsultazzjonijiet għandhom jibdew fl-aktar data kmieni possibbli, iżda mhux aktar tard minn 60 jum mid-data li fiha l-Parti l-oħra tirċievi t-talba jew, kif xieraq, mid-data li fiha l-Partijiet l-oħra kollha jkunu rċevew it-talba, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor. Tali konsultazzjonijiet jistgħu jiġu organizzati b'rabta ma' laqgħa tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 18 tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE.

Artikolu 4

Rieżami

Il-Partijiet għandhom jeżaminaw mill-ġdid, kif xieraq, l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Tali rieżami jista' jsir b'rabta ma' laqgħa tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 18 tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE.

Artikolu 5

Riżoluzzjoni ta' tilwim

1. Kwalunkwe tilwima li tirriżulta fil-qafas ta' dan il-Ftehim li ma tiġix solvuta bil-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tista' titressaq quddiem persuna jew korp biex tittieħed deċiżjoni bi ftehim tal-partijiet għat-tilwima. Jekk il-partijiet għat-tilwima ma jaqblux dwar dan, fuq talba ta' waħda mill-partijiet għat-tilwima, it-tilwima għandha titressaq għall-arbitraġġ permezz tal-proċeduri previsti fl-Artikolu 19(2)-(8) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, ħlief kif previst hawnhekk.

2. Fil-każ ta' tilwima li tinvolvi:

(a) żewġ Partijiet għal dan il-Ftehim, it-terminu "Parti" jew "Partijiet" fl-Artikolu 19(2)-(8) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, meta jiġi applikat għal tali tilwima taħt dan il-Ftehim, għandu jfisser parti jew partijiet għal tilwima taħt dan il-Ftehim.

(b) aktar minn żewġ Partijiet għal dan il-Ftehim, waħda min-naħat jew iż-żewġ naħat jistgħu jinkludu diversi Partijiet għall-finijiet ta' parteċipazzjoni fi proċediment deskritt f'dan l-Artikolu. Fil-każ ta' tali tilwima taħt dan il-Ftehim, ir-referenzi kollha għal "Parti" fl-Artikolu 19(2)-(8) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, meta jiġu applikati għal dik it-tilwima, għandhom ifissru naħa waħda għat-tilwima taħt dan il-Ftehim, u r-referenzi kollha għal "Partijiet", meta jiġu applikati għal dik it-tilwima, għandhom ifissru ż-żewġ naħat għat-tilwima taħt dan il-Ftehim.

3. It-terminu "dan il-Ftehim" fl-Artikolu 19(3) u (7) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, meta jiġi applikat għal tilwima fil-qafas ta' dan il-Ftehim, għandu jfisser dan il-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, u r-Renju tan-Norveġja.

4. Ir-referenza għal "Stat Membru" fl-Artikolu 19(2) tal-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE, meta tiġi applikata għal tilwima fil-qafas ta' dan il-Ftehim, għandha tinkludi lill-Iżlanda u lin-Norverġja.

Artikolu 6

Reġistrazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO)

Dan il-Ftehim u l-emendi kollha li jsiru fih għandhom jiġu rreġistrati mal-ICAO mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Dħul fis-Seħħ, Applikazzjoni Provviżorja u Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ xahar wara d-data tal-aħħar nota tal-iskambji ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet, li tikkonferma li l-proċeduri kollha meħtieġa biex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ ikunu tlestew.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-Istati Uniti u mill-Unjoni Ewropea malli jiġi ffirmat mill-Istati Uniti u mill-Unjoni Ewropea, u min-Norveġja u l-Iżlanda fl-aktar data tard tal-applikazzjoni provviżorja mill-Istati Uniti u mill-Unjoni Ewropea u l-firma minn dak l-Istat ta' dan il-Ftehim.

3. L-Istati Uniti jew l-Unjoni Ewropea jistgħu, fi kwalunkwe mument, jagħtu avviż bil-miktub lill-Partijiet l-oħra, permezz ta' kanali diplomatiċi, dwar id-deċiżjoni tagħhom li jtemmu dan il-Ftehim jew li jtemmu l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Kopja tal-avviż għandha tintbagħat fl-istess ħin lill-ICAO. Dan il-Ftehim għandu jintemm, jew l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandha tintemm, f'nofsillejl GMT 90 jum wara d-data tal-avviż bil-miktub, sakemm l-avviż ma jiġix irtirat bi qbil tal-Istati Uniti u tal-Unjoni Ewropea qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu.

4. L-Iżlanda jew in-Norveġja jistgħu, fi kwalunkwe mument, jagħtu avviż bil-miktub lill-Partijiet l-oħra, permezz ta' kanali diplomatiċi, dwar id-deċiżjoni tagħhom li jirtiraw minn dan il-Ftehim jew li jtemmu l-applikazzjoni provviżorja tagħhom ta' dan il-Ftehim skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Kopja tal-avviż għandha tintbagħat fl-istess ħin lill-ICAO. Tali rtirar jew waqfien tal-applikazzjoni provviżorja għandu jkun effettiv f'nofsillejl GMT 90 jum wara d-data tal-avviż bil-miktub, sakemm l-avviż ma jiġix irtirat bi qbil tal-Parti li tagħti l-avviż bil-miktub, l-Istati Uniti, u l-Unjoni Ewropea qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu.

5. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk l-ATA bejn l-Istati Uniti u l-UE jintemm jew il-partijiet għal dak il-ftehim ma jibqgħux japplikawh b'mod provviżorju, dan il-Ftehim għandu jintemm fl-istess ħin.

6. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk l-ATA bejn Erba' Partijiet jintemm skont l-Artikolu 3(1) ta' dak il-ftehim, jew il-partijiet għal dak il-ftehim ma jibqgħux japplikawh b'mod provviżorju, jew jekk dak il-ftehim jintemm fir-rigward tan-Norveġja jew tal-Iżlanda skont l-Artikolu 3(3), dan il-Ftehim għandu jintemm fir-rigward tan-Norveġja u/jew tal-Iżlanda fl-istess data li fiha l-waqfien jew it-tmiem isir effettiv għal dik il-Parti jew Partijiet.

7. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan l-Artikolu, jekk in-Norveġja u/jew l-Iżlanda jirtiraw mill-ATA bejn Erba' Partijiet skont l-Artikolu 3(2) ta' dak il-ftehim, dan il-Ftehim għandu jintemm fir-rigward tal-Parti jew tal-Partijiet li jirtiraw mill-ATA bejn Erba' Partijiet fl-istess data li fiha l-irtirar mill-ATA bejn Erba' Partijiet isir effettiv għal dik il-Parti jew Partijiet.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell f'erba' kopji, bil-lingwa Ingliża, fis-sebgħa u għoxrin jum ta' Awwissu fis-sena elfejn u dsatax.

Għall-Istati Uniti tal-Amerika:

Terri S. Robl
David E. Short

Għall-Unjoni Ewropea:

M. Blakeley

Għall-Iżlanda:

Għar-Renju tan-Norveġja:

Sirin Nestas Mathisen

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Ir-rappreżentanti tal-Istati Uniti, tal-Unjoni Ewropea, tal-Iżlanda, u tan-Norveġja kkonfermaw li l-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien fuq l-Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ, li għandu jiġi ffirmat bl-Ingliż biss, għandu jiġi awtentikat f'lingwi oħra, kif previst minn skambju ta' ittri fost il-Partijiet.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta hija parti integrali tal-Ftehim.

Għall-Istati Uniti tal-Amerika:

Terri S. Robl
David E. Short

Għall-Unjoni Ewropea:

Iżlanda:

Għar-Renju tan-Norveġja:

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1581

tas-16 ta' Settembru 2019

dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet I u II tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS) fid-dawl tat-tlettax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE ([1]) u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1983.

(2) Skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta emendi għall-Appendiċijiet I u II għall-Konvenzjoni.

(3) Il-Konferenza tal-Partijiet, waqt it-tlettax-il laqgħa tagħha, li ser issir mill-15 sat-22 ta' Frar 2020, tista' tadotta tali emendi. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni informa lill-Partijiet għall-Konvenzjoni li kwalunkwe proposta għall-emendar trid tiġi kkomunikata, b'konformità mal-Artikolu XI(3) tal-Konvenzjoni, sad-19 ta' Settembru 2019. L-Unjoni tista', bħala Parti għall-Konvenzjoni, tressaq tali proposti.

(4) L-inklużjoni tal-ispeċi *Tetrax tetrax* fl-Appendiċi I għall-Konvenzjoni u tal-ispeċijiet *Tetrax tetrax*, *Galeorhinus galeus* u *Sphyrna zygaena* fl-Appendiċi II għall-Konvenzjoni tkun xjentifikament soda u konformi mal-liġi tal-Unjoni kif ukoll mal-impenn tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni tressaq dawk il-proposti għall-emendar tal-Appendiċijiet I u II għall-Konvenzjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkomunika l-proposti lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fid-dawl tat-tlettax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi, l-Unjoni għandha tressaq il-proposti li ġejjin:

(a) l-emendar tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni biex tiġi inkluża l-ispeċi *Tetrax tetrax*;

(b) l-emendar tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni biex jiġu inklużi l-ispeċijiet *Tetrax tetrax*, *Galeorhinus galeus* u *Sphyrna zygaena*.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

2. Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, għandha tikkomunika l-proposti msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TUPPURAINEN

RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 348 tas-29 ta' Diċembru 2017)

Fil-paġna 13, il-punt (10) tal-Artikolu 2,

minflok: "(10) …

"(2) il-provvisti ta' oġġetti kif imsemmija fl-Artikolu 33 ħlief meta persuna taxxabbli tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII;",

aqra: "(10) …

"(2) il-provvisti ta' oġġetti kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 33 ħlief meta persuna taxxabbli tuża l-iskema speċjali fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu XII;".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT